**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużе' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 11/10(29_12_10).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Diċembru 2010, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, tal-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Preżenti wkoll kien hemm is-Sur Godwin Azzopardi – *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.

Skużati kien hemm is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier u s-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-22 ta' Diċembru 2010.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u Uffiċjal Eżekuttiv.
6. Il-*Co-financing Measure* 323 u 313.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 144/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Referenza għall-Memo 126/2010 – Attivitajiet fil-Lokalitajiet b' Risq il-Malta Community Chest Fund'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 145/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika), li hija rigward 'Rapport tal-Awditur Ġenerali dwar il-Kunsilli Lokali'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 146/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika) li hija rigward 'Informazzjoni dwar il-Ġbir ta' l-Iskart'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 147/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Ċertifikat fil-Qari tal-Provi'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 148/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Tibdil fl-Onorarja tas-Sindki u Presidenti tal-Kumitati Reġjonali'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 149/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Linji Gwida dwar Trattament ta' Provvisti minn Għaqdiet Każini tal-Banda għall-Fini ta' VAT'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 150/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika), rigward 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 151/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward '*Appraisal Reports* u *Performance Bonuses* lis-Segretarji Eżekuttivi'.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta University Holding Company rigward 'Supporting your Business'.

2.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard rigward il-World Diabetes Day iċċelebrata fl-14 ta' Novembru bit-tema tagħha għall-2009 – 2013 hija 'Diabetes Education and Prevention' u l-World AIDS Day li tinżamm fl-1 ta' Diċembru bit-tema tagħha għal din is-sena hija 'ACT Aware'.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Astra Folk Group rigward il-'Folkgħabex' Festival Internazzjonali li ser jorganizzaw mill-24 u 29 ta' Novembru 2010.

2.12 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-European Parliament Office in Malta sabiex il-Kunsill jattendi għas-Citizen Forum bit-tema 'Għawdex u l-Parlament Ewropew: Petizzjonijiet – Ħidma Parlamentari – Inizjattiva taċ-Ċittadini', fis-26 ta' Novembru 2010, fil-Kempinski San Lawrenz, Għawdex.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Events 2011 in Malta and Gozo'.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President tal-Kumitat Olimpiku Malti rigward il-'KOM Local Council Sports Awards'.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Mistoqsija Parlamentari 21527 dwar Attivitajiet Sportivi.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Valletta Waterfront rigward Maratona ta' 12-il siegħa ta' biegħ ta' kejkijiet sabiex jinġabru fondi għall-Istrina 2010, fit-8 ta' Diċembru 2010, fil-Valletta Waterfront.

2.17 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Mistoqsija Parlamentari 21528 dwar Attivitajiet Kulturali.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-WasteServ Malta Ltd. rigward 'Invitation for Seminar on CCC Eco Green Products'.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Artist Christian Koller rigward il-proposta ta' monument bil-parteċipazzjoni tar-residenti tal-Munxar.

2.20 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Re: Memo 118/2010 – Inizjattiva Ambjentali biex tiċċelebra għeluq l-20 Sena Ħidma tal-Vodafone fejn il-Kunsill ġie informat li l-applikazzjoni tiegħu mhix waħda minn dawk magħżula biex tingħata l-għajnuna finanzjarja permezz ta' din l-inizjattiva.

2.21 Il-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Re: Memo 118/2010 – Inizjattiva Ambjentali biex tiċċelebra għeluq l-20 Sena Ħidma tal-Vodafone fejn il-Kumitat ġie informat li l-applikazzjoni tiegħu mhix waħda minn dawk magħżula biex tingħata l-għajnuna finanzjarja permezz ta' din l-inizjattiva.

2.22 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Tabella 2 – PQ21548 – Dettalji tal-proġetti magħżula taħt l-Iskema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar.

2.23 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita' rigward il-Ġimgħa tal-Persuni b' Diżabilita' mit-3 sal-10 ta' Diċembru 2010, bit-tema 'Ngħixu b' Mod Sħiħ fis-Soċjeta``.

2.24 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Federazzjoni Għawdxija għall-Persuni b' Diżabilita' rigward is-Seminar bit-titlu 'Għandna dritt niddeċiedu l-futur tagħna?' fl-4 ta' Diċembru 2010, fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex.

2.25 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-*Chairperson* tal-Physically Handicapped Rehabilitation Fund rigward il-'Christmas Stocking Appeal 2010'.

2.26 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex sabiex jiltaqa' mal-Kunsill rigward triq ġdida bla isem, fit-30 ta' Novembru 2010, fis-Sala Laqgħat, Ministeru għal Għawdex.

2.27 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Ċirkulari AKL Ċirk 82/2010 – Tqassim ta' Kotba.

2.28 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA stedina sabiex jattendi għal-laqgħa fit-2 ta' Diċembru 2010 fejn ser tiġi diskussa d-'Determination of Partial Review of the Gozo and Comino Local Plan – Primary Government Institutions and Open Area Policies'.

2.29 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, Moviment ta' Kana rigward il-Konkors 'Familja Qalb tad-Deheb' sena 2010.

2.30 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. PA/03826/10 – *To sanction the reconstruction of part of dilapidated rural structures and fixing of gate; and proposed rehabilitation of the same rural structures by replacing the ceiling with 'kilep and xorok',* fi Triq Ġdida fi Triq Il-Munxar, Il-Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.31 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumpanija A.T.G. Co. Ltd. li tissupplixxi Medical Disposables u Healthcare Products rigward laqgħa li tixtieq tagħmel mal-Kunsill.

2.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kittieb Joe Camilleri rigward ktieb ieħor ta' novelli li għadu kemm ippubblika bl-isem 'Żwiemel tar-Riħ'.

2.33 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Ċirkulari AKL Ċirk 85_2010 – Laqgħa għas-Sindki – 21 u 22 ta' Jannar 2011 – Lukanda Calypso, Marsalforn, Għawdex.

2.34 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex rigward l-'Inizjattiva Gillette'.

2.35 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MUSEUM tas-Subien tan-Nadur rigward il-ktieb 'Il-Ħbieb Isejħu bl-Istejjer'.

2.36 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li t-Transport Malta talbet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex iwassalha għand il-Kunsilli Lokali rigward Expression of Interest to Operate Trackless Trains for Two Routes.

2.37 Il-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fejn ġie mħabbar li ġie magħżul bħala l-benefiċjarji fuq l-iSkema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011 u mistieden għall-Konferenza Stampa fl-10 ta' Jannar 2011, fuq il-Fosos tal-Furjana.

2.38 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. PA/03056/09 – *Construction of garage, 2 class 4 local shops, apartments and penthouses,* fi Triq ir-Rabat kantuniera ma' Triq il-Ġostra, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.39 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex rigward il-'Ħames laqgħa tal-Kumitat Reġjonali, laqgħa tal-Kumitat Konġunt u l-Ikla Annwali' u bagħat kopja tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Reġjonali Nru. R3/10.

2.40 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika), rigward 'Allokazzjoni Finanzjarja 2011'.

2.41 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Memo 38/2008 – Skema Proġetti Energy Saving' sabiex il-Kunsilli jippreżentaw l-informazzjoni mitluba sabiex isiru l-pagamenti jew il-kumplament tal-pagamenti min-naħa tad-Dipartiment.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dun Michael Said, Amministratur tal-Parroċċa San Pawl Nawfragu, Il-Munxar rigward paġent li l-Parroċċa ser tagħmel fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina, Il-Munxar.

3.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet rigward ERDF Project 201 – *Discovering the Potential of Munxar Village Core*. Il-Kunsill ġie informat li l-proġett li ppreżenta l-Kunsill ma għaddiex.

3.03 Il-Kunsill irċieva talba mingħand persuna li żżur ix-Xlendi diversi drabi fejn qed titlob sabiex meta terġa' tinfetaħ Triq ix-Xlendi, l-Karozzi tal-Linja jibdew jitelgħu n-naħa ta' fuq tax-Xlendi u mhux jaslu sal-*Parking* biss. Skont ir-riforma, din ir-rotta ser issir hekk.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ fejn informa lill-Kunsill li ma kienx hemm konkorrenza min-naħa taż-żgħażagħ fil-lokalita' tagħna.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna residenti fix-Xlendi fejn informa lill-Kunsill li fis-16 ta' Novembru 2010 għamel ħsara fit-*tyre* tal-karozza wara li rifes *bolt* minn tas-*Sleeping Police*. Huwa qed jitlob li jiġi rrifondut €70 tat-*tyre*. Il-Kunsill iddeċieda li din il-persuna tintalab sabiex tippreżenta rapport tal-Pulizija avolja kienet għamlet rapport fil-Kunsill f' dik il-ġurnata.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Surmast Stephen Attard fejn qed jinforma lill-Kunsill li għadu kemm lesta quddiesa li kkompona hu u li jixtieq li tiżżanżan f' għeluq il-100 sena mit-twelid tal-Professur Ġuże' Aquilina. Huwa qed jagħmel din l-offerta lil Parroċċa oħra u Kunsill ieħor.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Inġinier Marco Cremona fejn qed jissuġġerixxi xi proposti li jista' jagħmel il-Kunsill u japplika għall-iskema ta' fondi sabiex jiġu implimentati miżuri mmedjati għal Eco-Gozo.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarja tal-Produzzjoni 'Ħadd Għalik' fejn qed tistieden lill-Kunsill jgħaqqad xi persuni sabiex ikunu mistiedna fil-programm. Jekk isir dan jista' jsir promozzjoni tal-Kunsill u xi attivita'. Hemm il-possibilta' li jsir anke' *feature* fuq il-lokalita'.

3.09 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar akkwist ta' art fil-Munxar. Il-Kunsill qed jiġi mitlub sabiex iwaħħal kopja tad-dikjarazzjoni fuq in-*Notice Board* tal-Kunsill u ddum 15-il ġurnata.

3.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Korporazzjoni Enemalta fejn qed joffru żewġ Inġiniera sabiex jagħmlu taħditiet lill-membri tal-Kunsill u li minn-naħa tagħhom ikunu jistgħu jgħaddu l-informazzjoni lir-residenti tal-lokalita' dwar l-aħjar użu ta' l-enerġija.

3.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* dwar il-ftehim bejn il-Kunsilli Lokali bil-għan li ssir applikazzjoni konġunta għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018. Wara li jiġi diskuss fil-Kunsill, kull Kunsill irid jiffirmah. Kien hemm qbil dwar dan.

3.12 Il-Kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament mingħand il-Can. Rev. Fr. John B Cremona, Rettur tal-Knisja tax-Xlendi dwar *sponsor* tal-Logħob tal-Baħar tax-Xlendi.

3.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MEPA fejn spjegat xi tibdiliet fl-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet permezz tar-riforma. Permezz ta' din l-ittra l-MEPA qed tfakkar ukoll dwar il-faċilita' ta' *credit* li qed jingħataw il-Kunsilli sabiex ikunu jistgħu jaraw ir-rapport tal-*Case Officer* kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-permessi b' xejn.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 11/10(29_12_10).

**5.00 Il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u Uffiċjal Eżekuttiv.**

5.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-Uffiċjal Eżekuttiv. Is-Sindku ppreżenta r-rapporti u ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata *bonus* ta' 10% u l-Uffiċjal Eżekuttiv *bonus* ta' 6% skont ir-regolamenti finanzjarji tal-Kunsilli Lokali. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv ir-rapport ser jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

**6.00 Il-*Co-financing Measure* 323 u 313.**

6.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Dr. Chris Said dwar il-Ko-Finanzjament għal Proġett tal-Unjoni Ewropea fejn qed jinforma lill-Kunsill li l-proġett imsejjaħ 'Conservation of Munxar and the Promotion of Rural and Cultural Tourism' ġie meqjus bħala eliġibbli għall-għajnuna mill-Fond ta' Ko-Finanzjament. Għaldaqstant ġie deċiż li għal dan il-Proġett il-Kunsill jingħata €40,587.53. Din l-għajnuna finanzjarja hi soġġetta għat-termini u kundizzjonijiet li jinsabu fil-Ftehim ta' Aċċettazzjoni u li l-Kunsill qed jiġi mitlub li jiffirma. Kien hemm qbil li dan il-ftehim jiġi ffirmat.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed isir manutenzjoni fil-lokalita'. Għadu kemm tlesta żebgħa ma' l-art fil-Pjazza tal-Knisja. Qed isir tindif kull fejn ikun hemm il-ħtieġa matul il-lokalita' kollha.

**8.00 Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

8.01 Iċ-*Chairperson* is-Sur Godwin Azzopardi rrefera għas-sejħa għall-offerti ta' dawl tax-Xlendi. Din l-offerta ġiet ikkanċellata u ser tinħareġ oħra sabiex dan id-dawl ikun konformi mal-proġett ta' tisbiħ għax-Xlendi kollu.

Saret applikazzjoni mal-MEPA għat-tisbiħ tal-passaġġ li jagħti għall-Għar ta' Karolina fejn dan il-proġett ser jiġi ffinanzjat mill-Iskema ta' Finanzjament għall-Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-lokalitajiet tagħhom (Memo 94/2010). Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali diġa' għadda s-somma ta' €10,000 u ser jgħaddi l-€10,000 l-oħra hekk kif jitlesta l-proġett. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rabat lill-Kumitat li jlesti l-proġett sat-30 ta' Novembru 2011. Il-Kumitat jista' jitlob estensjoni taż-żmien peress li jridu joħorġu l-permessi tal-MEPA u ma jistax isir xogħol fl-istaġun tas-Sajf.

Bħala tiżjin tal-Milied, il-Kumitat żejjen b' festun Triq San Xmun, is-siġra ta' Pjazza Anfori u saru girlandi ma' *lamp posts*.
L-attivita' li kellha ssir fit-13 ta' Diċembru 2010 kellha titħassar minħabba l-maltemp. Il-Kumitat kien ipprintja *flyer* biss.

Iċ-*Chairperson* irrefera għal-laqgħa li saret mill-Kumitat mal-Ministru għal Għawdex l-Onor Giovanna Debono. F' din il-laqgħa ġew diskussi x-xogħlijiet fuq it-triq tax-Xlendi, proġetti ta' tisbiħ fix-Xlendi u ġie diskuss dwar il-possibilta' li l-Kumitat u l-Ministeru japplikaw għall-fondi ta' l-EU.

Rigward bankijiet, il-Kumitat ser itella' l-bankijiet li saru dan l-aħħar peress li huma żgħar għal fejn dawk li diġa' kien hemm. Ser ikunu amalgamati mal-proġett li ser ikun iffinanzjat minn Eco-Gozo tal-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun u fil-proġett tal-passaġġ li jagħti għall-Għar ta' Karolina.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku kien attenda għal-laqgħa l-Ministeru għal Għawdex fejn ġiet imħabbra skema ta' fondi għal Proġetti mill-Kunsilli Lokali u Kumitati Amministrattivi u li b' dawn il-proġetti jikkontribwixxi għal miżuri *short term* għal Eco-Gozo.

9.02 Is-Sindku attenda għal-laqgħa mal-Kumitat Ismijiet ta' Toroq fejn qed jitolbu lill-Kunsill sabiex iwaħħlu plakka bl-isem ta' Triq ta' Luvier fil-bidu ta' din it-triq.

9.03 Saret laqgħa oħra ma' Uffiċjali tal-MEPA fejn żaru n-niċeċ u l-istatwa ta' Sant' Indrija peress li dawn ser jiġu rrestawrati.

9.04 Il-Prim Ministru, l-Onor. Dr. Lawrence Gonzi żar Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina fl-4 ta' Diċembru 2010. Huwa kellu kliem ta' tifħir dwar dan il-proġett.

9.05 Fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex inħatar Kumitat għall-proġett dwar enerġija sostenibbli fejn huwa qed iservi bħala membru.

9.06 Is-Sindku rrefera għas-Serata ta' Jum il-Munxar 2010 fejn l-attendenza kienet tajba. Il-Wirja tar-Ritratti ma saritx peress li ħadd ma ġab ritratti.

9.07 F’ Jannar 2011 ser jitqassmu xfafar tal-Gillette għall-irġiel kollha tal-Munxar u tax-Xlendi.

9.08 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li saret ma’ l-ex-Kappillan Dun Tonio Galea u l-Amministratur il-ġdid Dun Michael Said. F’ din il-laqgħa Dun Michael semma l-proġett ta’ *Day Centre* għall-Anzjani li ser isir fil-Kunvent tas-Sorijiet tal-Munxar. Huwa qed jitlob sabiex il-Kunsill jgħin fejn ikun hemm il-bżonn.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-Fondi tal-Miżuri 323 u 313 li ġew approvati skont dawn it-tabelli:

Measure 323

Total tal-proġett huwa ta’ €300,117.62 VAT Inkluż.
EAFRD ser tikkontribwixxi €173,927.46.
*Co-financing* €40,587.53.
Kontribuzzjoni tal-Kunsill li tinkludi l-VAT €85,602.63 fuq tliet snin (2011 – 2013).

Measure 313

Total tal-Proġett huwa ta’ €199,407.02.
EAFRD ser tikkontribwixxi €126,741.75.
Il-Kunsill ser jikkontribwixxi €72,665.27 fuq tliet snin (2011 – 2013).

Għaldaqstant fuq tliet snin il-Kunsill/Kumitat Amministrattiv irid joħroġ is-somma totali ta’ €158,267.90.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Il-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri staqsa lill-Kunsill f’ hiex waslet it-talba tiegħu li kien għamel sabiex issir *Bus Shelter* fil-Pjazza tal-Knisja. Is-Sindku wieġbu li ser ikellem lill-Kumpanija Faces Consultants Ltd.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalma kien jiġri fl-imgħoddi Triq ir-Rumani għandha bżonn li titranġa bit-torba peress li nqalet bix-xita. Kien hemm qbil li din it-triq titranġa.

12.02 Is-Sindku ssuġġerixxa li f’ Jannar li ġej, isir *patching* fi Triq ix-Xatba u titranġa l-bankina tas-Sur Frank Masini billi ssir bil-*bricks*. Kien hemm qbil dwar dan.

12.03 Is-Sindku għamel referenza għall-Kompetizzjoni tal-Boċċi li saret fl-okkażjoni ta’ Jum il-Munxar 2009. Peress li rebbieħ ma kienx tela’ fuq il-palk jew bagħat lil xi ħadd minfloku, l-*voucher* baqa’ ma ngħatax. Kien hemm qbil li dan il-*voucher* ta’ €40 jingħata.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 ta’ filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 27 ta’ Jannar 2011, fis-2.00 ta’ wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |